18 ta' Ottubru, 1952.

Imħallef :—

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Joseph Gafà

**Prostituzzjoni — Lokazzjoni — Kompliċità — Reat Kontinwat.**

*In-nisa li jeżerċitaw il-prostituzzjoni ma humiex kompliċi fid-delitt ta' min jikri jew jippermetti l-użu ta' post għall-prostituzzjoni u għal skopijiet oħra immorali.*

*F'dan ir-reat ma hix meħtieġa l-molteplicità ta' l-attijiet kif teħtieġ fil-każ ta' min jitmantna minn fuq il-prostituzzjoni; imma kull kirja tal-post għal darba waħda, u l-konċessjoni ta' l-użu tal-fond għal darba waħda, huma biżżejjed biex jintegraw id-delitt.*

*Għaldaqstant ir-reiterazzjoni ta' l-attijiet li jikkostitwixxu dan ir-reat tirrendi l-istess reat bħala reat kontinwat.*

B'sentenza tagħha ta' l-20 ta' Awissu 1952, il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta sabet lill-imsemmi Gafà ħati talli f'okkażjonijiet diversi, imma bħala effett ta' riżoluzzjoni waħda, bħala sid tal-kamra li tinsab f'San Ġwann ta' Għowxa, Bormla, xjentement ta b'kiri u ppermetta l-użu ta' l-istess kamra għal skop ta' prostituzzjoni u għal skopijiet oħra immorali, u kkundannatu, wara li qieset, għall-finijiet tal-piena, li hu kien reċidiv f'delitt, għall-piena tal-lavuri furzati għal żmien seba' xhur;

L-imputat appella minn din id-deċiżjoni;

Id-difensur tiegħu avanza dawn l-erba' motivi ta' aggravju :— 1. L-imputazzjoni ma rriżultatx; 2. Ix-xhieda għandhom jitqiesu kompliċi, u għalhekk ma hemmx il-korroborazzjoni rikjesta mil-liġi; 3. Ir-reat ma hux kontinwu; 4. In subordine, il-piena hi eċċessiva;

Kwantu għall-ewwel motiv, il-provi assodaw l-imputazzjoni. L-element tax-"scienter" jirriżulta ċar mid-dikjarazzjoni stess ta' l-imputat, rettament apprezzata, bis-sussidju tal-provi l-oħra u tal-kwadru sħiħ taċ-ċirkustanzi tal-każ. Wieħed irid ikun daqsxejn ottimista biex jispera li jitwemmen meta jgħid li ma kienx jaf li l-kamra kienet qegħda tiġi wżata għal skop ta' prostituzzjoni. L-istampi ta' nisa fi stat ta' kważi-nudità, li "ex admissis" waħħal l-imputat, preżumibbilment għal skop erotiku, huma ferm sintomatiċi;

Kwantu għat-tieni motiv; in-nisa li xeħdu ma humiex kompliċi; għax f'dan il-każ, anki aktar mill-każ App. Krim. "Pul. vs. Pace", 11. 10. 1952, l-intenzjoni tagħhom kienet distinta minn dik ta' l-imputat;

Kwantu għat-tielet motiv, f'dak il-każ ir-reat huwa kontinwat, għad-differenza tal-każ kontemplat fis-sentenza "Pul. vs. Pace" fuq ċitata; għax għal dan ir-reat ma tinħtieġx moltiplicità ta' attijiet, kif tinħtieġ fil-każ ta' min jitmantna minn fuq il-prostituzzjoni; u kirja tal-post għal darba waħda jew

konċessjoni ta' l-użu tal-post għal darba hi biżżejjed biex tintegra d-delitt. Għalhekk, mentri fil-każ "Pul. vs. Pace" att wieħed ma kienx jikkostitwixxi vjolazzjoni perfetta tal-liġi, vwoldiri ma kienx jikkostitwixxi azzjoni, imma biss att, mentri għar-reat kontinwat tinħtieġ serje ta' azzjonijiet, f'dan il-każ, inveċe, kull konċessjoni ta' l-użu tal-kamra b'kumpens, kif sar fil-fattispeċje, tirrappreżenta vjolazzjoni perfetta tal-liġi, u kwindi azzjoni. Għalhekk kien hemm diversi azzjonijiet fi żmienijiet diversi, li kienu effett ta' riżoluzzjoni waħda, u kontinwat;

Fuq ir-raba' motiv, dwar il-piena; ix-xorta tar-reat u l-preċedenti ta' l-imputat ma jissuġġerux ebda mitigazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.